# Il-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira 1919 – 1965 – 1997

**Charles Spiteri jirrapporta minn Għawdex**

Biex insiru nafu aktar dwar l-istorja tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll dwar il-purċissjoni tal-Ġimgħa Mqaddsa, fil-Parroċċa taż-Żebbuġ, Għawdex, kif żviluppat matul is-snin, jiġifieri fi tliet fażijiet, fuq medda ta' 78 sena, tkellimna mal-President tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija, is-Sur George Cefai.

Is-Sur Cefai beda biex qalilna illi l-iskop li għalih kien sar sett ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira fir-raħal, mingħajr ebda dubju kien mhux biss biex ta' kull sena jitfakkru b'mod aktar intimu l-aħħar sigħat fil-ħajja ta' Ġesù Kristu imma wkoll biex tibda tiġi organizzata purċissjoni mat-toroq f'xi waħda mill-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa. Din l-idea oriġinat fl-1918 meta fiż-Żebbuġ seħħet bidla fit-tmexxija parrokkjali u daħal f'dan l-uffiċċju l-għaxar kappillan, Dun Anton Grima li għalkemm dam jokkupa dan il-post ftit inqas minn sentejn żgur li jibqa' mfakkar fost affarijiet oħra, għal żewġ tradizzjonijiet li introduċa u għadhom jitgawdew illum, jiġifieri it-tiġrija taż-żwiemel li ssir nhar il-festa ta' Santa Marija li snin ilu kienet tinvolvi bhejjem oħra u l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Il-kappillan Grima għamel l-ewwel purċissjoni fl-1919 u l-vari kienu nħadmu mill-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri. Dawn kienu tal-kartapesta u fiż-żminijiet meta kienet qed titkabbar il-knisja, kienu jiġu migbura f'maħżen fejn minħabba nuqqas ta' spazju, umdità u strapazz ieħor ġratilhom ħsara kbira. Minn dan is-sett, illum baqa' biss 4 statwi: Ġesù Kurċifiss tal-vara l-kbira li kien jiddendel u jinġabar f'diversi rkejjen tal-knisja, id-Duluri li għandha n-niċċa tagħha fil-kappella tas-Sagra Familja, l-Ecce Homo li jinsab merfugħ ġewwa niċċa fil-kappella ta' San Mikiel u Ġesù mejjet li għal ħafna snin kien imgeżwer fin-newl u merfugħ fuq il-kasterizzi tas-saċerdoti fis-sagristija tal-knisja sakemm tpoġġa b'mod permanenti fil-Monument li naraw illum.

Is-Sur Cefai kompla jgħidilna illi nhar it-8 ta' Diċembru 1964 iż-Żebbuġ kellu Arċipriet ġdid li kien ukoll it-tlettax-il kappillan. Dun Alwiġ Vella minnufih reġa' organizza din il-purċissjoni u b'hekk il-vari li kien fadal reġgħu nħarġu fit-toroq tar-raħal fl-1965 wara assenza pjuttost twila. Fis-sena ta' wara, l-Arċipriet Vella żied magħhom l-istatwi l-oħra li naraw illum, jiġifieri Ġesù Redentur, Ġesù fil-Ġnien taż-Żebbuġ u l-anġlu, il-Veronika, il-Madonna u San Ġwann tal-vara l-kbira u Ġesù mal-kolonna. Marija Madalena tal-vara l-kbira saret fl-1967 u l-Aħħar Ikla tal-Mulej fl-1968. L-istatwa ta' l-Aħħar Ikla jew kif inhi magħrufa aħjar iċ-Ċena hija kbira mhux ħażin għax fiha hemm l-appostli kollha mdawrin ma' mejda, filwaqt li Kristu jinsab bilwieqfa f'nofshom bil-kalċi ta' l-inbid f'idu. Guda t-traditur jingħaraf mill-bqija għax għandu l-borża tat-tletin biċċa tal-fidda f'idu. Minkejja l-kobor tagħha, din l-istatwa tiġi merfugħa minn 10 reffiegħa



Aldo Cini fil-parti ta' Kristu



In-nisa twajba ta' Gerusalem



L-Aħħar Ċena tal-Mulej. Mix-xellug...Nicholas Vella, Frankie Cefai, Kevin Sultana, Lewis Zammit, Teddie Cefai, Toni Grech, Joe Cini, Jimmy Agius, Joseph Saliba, Josef Cefai, Sammy Camilleri u Ferdinand Xuereb.

u hi l-unika statwa b'din it-tema ġewwa Għawdex. Dawn il-vari nħadmu ukoll minn Wistin Camilleri li reġa' lura għat-tradizzjoni qadima Maltija li l-istatwi jsiru mill-kartapesta u mbagħad jitlibbsu bil-ħwejjeġ tad-drapp li f'dan il-kas l-ilbies kien prinċipalment bellus aħmar u blu li kien jissimbolizza l-Era Rumana.

Il-bradelli tagħhom inħadmu mill-ġdid mill-mastrudaxxa Ġużeppi Mallia, xogħol fl-injam imsejjaħ parana.

Nhar id-29 t'Awissu 1996 iż-Żebbuġin taw merħba lil Dun Emmanuel Saliba bħala it-tielet Arċipriet u l-erbatax-il kappillan tal-parroċċa. Kmieni fis-sena 1997 l-Arċipriet Saliba mhux biss kompla sebbaħ il-bradelli b'imnara u imsiebaħ tal-fuħħar, iżda ħa l-inizjattiva u bidel il-ħwejjeġ tal-vari kollha f'ilbies tan-newl li jistilizza l-atmosfera Lhudija. Dan in-newl ġie mgħoddi lill-knisja minn diversi benefatturi Żebbuġin li r-raħal taż-Żebbuġ hu magħruf ħafna għalih.

Matul dawn is-snin kollha l-vari dejjem kienu l-qofol tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira taħt diversi mexxejja u sa mill-bidu tagħha kienet tgawdi devozzjoni qawwija fir-raħal. Kien hemm ukoll żminijiet diffiċli li fihom il-purċissjoni kemm-il darba ma ħarġitx kemm minħabba l-biża t'attakk mill-ajru matul il-Gwerra (1939-1945) u anke għaliex f'dan iż-żmien kienet qed issir ukoll l-aħħar fażi tat-tkabbir tal-knisja. F'xi snin partikolari l-purċissjoni kellha anke rotot differenti u toroq itwal minn dawk li nafu illum. Ġieli anke saret f'Ħadd il-Palm filgħaxija jekk mhux ukoll f'xi ġranet oħrajn.

Illum wara ħafna snin għadek tara persuni li bħala ringrazzjament għal xi wegħda maqlugħa, iġorru slaleb filwaqt li hemm oħrajn li jġorru ktajjen ħoxnin marbuta ma' saqajhom tul it-triq kollha. Fil-purċissjoni jieħdu sehem ukoll ħafna tfal li jerfgħu fanali, bandalori u simboli oħra tal-passjoni. Aspett interessanti hu li anke l-bniet jerfgħu fanali u simboli oħra speċjalment waqt li jakkumpanjaw xi statwa, bħalma hi dik tad-Duluri u l-Veronika.




Jean Paul Saliba jerfa' l-Bandalora KOLLOX MITMUM



Mix-xellug... Ganni Cini fil-parti tal-Profeta Isaija, Owen Cini, Ħaruf u Rokku Zahra fil-parti ta' Mosè.



Ir-Redentur jidher merfugħ minn...mix-xellug, Anthony u Jimmy Said, Twanny Caruna u Josef Cini.



Waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Mix-xellug jidhru l-Arċipriet Emeritu Emmanuel Saliba, Arċipriet Reuben Micallef u Kan Kant Carmelo Cini.



Il-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ...mix-xellug, Is-Sur Wiġi Dimech Arkivist, Is-Sur Omar Zerafa Assistent Surmast u s-Sur George Cefai President tas-Soċjetà Filarmonika Santa Marija.

D.O.M. INTERNATIONAL

Din hija kumpanija Maltija li ilha mwaqqfa 37 sena

**Tony Pace**
Managing Director



Tony Pace

**Sejjer Malta u trid iġġorr?**

Ċempel għal kwota llum

Tel: (02) 9607 4170
Fax: (02) 9607 8534
Negozju tal-familja
Mob: 040 305 6007

Nistgħu nippakkjawlek kollox aħna u tiffranka uġigħ ta' ras

**Head Office: Unit 1/42-44 Whyalla Place, Prestons, NSW 2170**